# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar il-Erbgha 22 ta' Mejju 2002

Citazzjoni numru 1365/92 AJM

Kawza numru

Frankie Refalo fil-kwalita' tieghu ta' Direttur tal-kumpanija "Frank's Garage Ltd." ghan-nom, fl-interess u in rappresentanza tal-istess

Vs

Jason Azzopardi u Stanley Portelli.

Il-Qorti,

Rat il-verbal ta' l-udjenza tad-29 ta' April 2002 meta l-konvenuti filwaqt li ghamlu referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Mejju, 1995 u l-osservazzjonijiet tal-Onor Qorti tal-Appell fis-sentenza konfermatorja tas- 7 ta' Ottubru, 1997, irrekuzaw lil din il-Qorti, kif preseduta, ai termini ta' l-artikolu 734(1)(d)(i) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta billi fis-sentenza taghha din il-Qorti tat-parir fuq il-mertu, billi esprimiet opinjoni fuq il-mertu.

Rat l-opposizzjoni tal-attur verbalizzata fl-udjenza u n-nota ta' sottomissjonijiet fir-rigward.

Ikkunsidrat:-

B'sentenza preliminari tal-24 ta' Mejju 1995 giet michuda l-eccezzjoni tal-konvenut Stanley Portelli dwar l-inkompetenza ta' din il-Qorti "*rationae valoris"* u dana ghar-ragunijiet hemm moghtija.

Din is-sentenza giet appellata u l-Onor Qorti tal-Appell b'sentenza tas-7 ta' Ottubru 1997, filwaqt li kkonfermat dak li kienet irriteniet din il-Qorti fis-sentenza fuq imsemmija, osservat li din il-Qorti, kif preseduta fis-sentenza appellata kienet "*inoltrat ruhha f'dan l-istadju bikri u peliminari tal-kawza biex tindaga pienament il-mertu jew almenu aspetti rilevanti tieghu u ma baqghetx allura strettament arginata fl-ezami u decizjoni ta' l-eccezzjoni ta' inkompetenza rationae materiae (recte valoris).*" Fil-parti konkluzziva tas-sentenza tal-Onor Qorti ta' l-Appell jinghad ukoll li "*Ma kienx mehtieg li jigi ulterjorment indagat il-mertu f'dan li stadju - kif jidher li ghamlet l-Ewwel Qorti fis-sentenza taghha anke jekk fil-verita' d-decide taghha kienet biss limitata ghac-cahda tal-eccezzjoni tal-inkompentenza tal-Qorti rationae valoris. Il-materji diskussi mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u mhux minnha decizi setghu kienu konsiderazzjonijiet li sahhew l-konvinzjoni taghha fir-rigward tal-eccezzjoni tal-inkompetenza imma kienu proprjament jinvestu materja li setghu, kellhom, u ghad iridu jigu trattati mal-mertu."*

In vista ta' dan il-pronunzjament tal-Onor Qorti tal-Appell il-konvenuti qeghdin jinvokaw l-artikolu 734 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta li

fis-subinciz (d) paragrafu (i) jikkontempla r-rikuza tal-Imhallef meta dan ikun ta l-parir tieghu dwar il-kawza jew dwar kull haga ohra li ghandha x'taqsam mal-kawza jew tiddependi minnha.

Id-difensur tal-attur ppresenta nota ta' osservazzjonijiet biex jirribatti din it-talba ta' rikuza biss ghandu jigi osservat li s-sottomissjonijiet li saru mill-abbli difensur huma fir-rigward ta' sentenza ohra preliminari moghtija minn din il-Qorti bejn l-istess partijiet u cioe dik li kienet tikkoncerna l-konvenut Jason Azzopardi li eccepixxa li huwa ma kienx il-legittimu kontradittur. Din is-sentenza preliminari moghtija fit-8 ta' Jannar 2001 u kkonfermata fl-appell b'sentenza tal-5 ta'Ottubru 2001 lanqas biss ma giet citat mill-konvenuti ghal finijiet tar-rikuza minnhom mressqa u fi kwalunkwe kaz kellha aspetti kompletament differenti mis-sentenza tal-24 ta' Mejju 1995 billi l-Qorti ma kellhiex il-htiega u lanqas biss ma ezaminat jew espremiet fhemtha fuq aspetti tal-mertu. Dawn is-sottomissjonijiet ghalhekk ma jghinux id-dibattitu presenti.

Illi, wara li ezaminat bir-reqqa dak li intqal minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-24 ta' Mejju 1995 u l-osservazzjonijiet tal-Onor Qorti ta'l-Appell din il-Qorti hija tal-fehma li, minkejja li dak li kien hekk intqal minn din il-Qorti fis-sentenza fuq citata kien mehtieg ghall-akkoljiment jew cahda tal-eccezzjoni dibattuta, jidher li t-talba maghmula mill-konvenuti hija gustifikata billi din il-Qorti, fis-sentenza preliminari taghha tal-24 ta' Mejju 1995 kienet ghamlet certa osservazzjonijiet li jimpingu fuq il-mertu tal-kaz.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti tilqa' t-talba tal-konvenuti maghmula fl-udjenza tad-29 ta' April 2002 u b'hekk tirrrikuza lilha nfisha a termini tal-artikolu 734 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ghalhekk tordna

li l-atti tal-kawza jintbghatu ghand ir-Registratur sabiex jigu assenjati quddiem Qorti ohra.

Onor Imhallef Albert J. Magri